**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 2716/1997/1 AF**

**Joseph Demicoli**

**vs**

**Coleiro General Supplies Limited**

**u b'digriet tat-13 ta' Frar 2001 gew kjamati in kawza s-socjetà estera PPG Industries Limited Italia SRL u s-socjetà Trimite Malta Limited**

**u b'digriet tat-18 ta' Mejju 2001 gew nominati l-Kuraturi Deputati Dr. Vincent Galea u l-PL Mario Mifsud Bonnici biex jirrapprezentaw lis-socjetà estera assenti PPG Industries Limited Italia SRL**

**u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2001 Dr. Anthony Cremona assuma l-atti tal-kawza bhala kuratur tas-socjetà PPG Industries Limited Italia SRL u bl-istess digriet gew estromessi l-Kuraturi Deputati Dr. Vincent Galea u l-PL Mario Mifsud Bonnici**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur Joseph Demicoli li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

L-attur huwa l-proprjetarju tal-fabbrika li ggib l-isem "St. Joseph Woodworks" u jiggestixxi n-negozju tieghu minn Bidni Road, Zabbar u huwa jixtri minghand is-socjetà konvenuta il-materja prima necessarja sabiex jista' jisprejja l-ghamara li huwa jahdem fuq inkarigu tal-klijentela tieghu.

Dawn l-ahhar zminijiet parti sostanzjali mill-ghamara li hadem l-attur u sprejja bil-materjal mixtri minghand is-socjetà konvenuta giet ritornata lura lill-attur billi l-'finish' tal-materjal uzat qasam u ikkrakkja u l-attur, ghalhekk, kellu iqaxxar l-istess qoxra minn fuq din l-ghamara u jaghti qoxra gdida lill-istess ghamara, bla hlas, a sodisfazzjon tal-klijientela tieghu, liema xoghol huwa laborjuz u spendjuz.

Minn ezami xjentifiku li ikkommissjona l-attur fuq iz-zebgha u materjal mixtri minn u fornit lilu mis-socjetà konvenuta irrizulta li dawn kienu difettuzi fis-sens li l-komposizzjoni tat-"topcoat" ma kellux il-materja necessarja sabiex il-'finish' ma jaqsamx.

Is-socjetà konvenuta ma tridx taccetta li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni u riparazzjonijiet ammontanti ghal eluf ta' liri.

Peress illi dan ir-rifjut da parte tas-socjetà konvenuta li jaghmel tajjeb ghal u jhallas ghal dawn id-danni huwa inspjegabbli stante li l-istess gew kawzati b'rizultat ta' negligenza, traskuragni, imperizja u jew nuqqas ta' hila u ta' tharis tar-regolamenti fl-esekuzzjoni tal-professjoni tieghu.

Ghalhekk l-attur ma kellux alternattiva ghajr li jistitwixxi dawn il-proceduri.

Tghid ghalhekk is-socjetà konvenuta ghaliex dina il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara li hija unikament responsabbli ghall-hsarat u danni li sofra l-attur konsistenti dawn id-danni fir-

riparazzjonijiet li huwa kellu jaghmel fl-ghamara tal-klijentela tieghu;

2. Jigu likwidati d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Ma ghandux jigi ikkundannat ihallas lill-attur dawk i-danni hekk likwidati – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' zewg ittri legali kontra s-socjetà konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

Iz-zebgha u materjali forniti mis-socjetà konvenuta kienu ta' kwalità u skond standards internazzjonalment approvati u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat illi b'digriet tal-11 ta' Jannar 2000 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Dr B.P. Alblas bħala perit tekniku bl-assistenza tal-Avukat, illum Imħallef Dottor Tonio Mallia bħala perit legali, u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2002 din il-Qorti ħatret lill-Avukat, illum Imħallef Dottor Mark Chetcuti sabiex jissostitwixxi lill-Imħallef Mallia li ġie elevat għall-ġudikatura.

Rat illi b'digriet tat-13 ta' Frar 2001 din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba tas-soċjetà konvenuta u ordnat li jiġu kjamati fil-kawża s-soċjetà estera PPG Industries Italia s.r.l. u s-soċjetà Trimite Malta Limited.

Rat in-nota ta' eċċezzjoniijiet tas-soċjetà kjamata fil-kawża Trimite Malta Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament hija mhijiex il-legittimu kontradittur ghaliex ma ghandha ebda rapport guridiku mal-attur. Hija setghet forniet f'xi stadju merkanzija lis-socjetà konvenuta Coleiro

General Supplies Limited, izda qat lill-attur u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront taghha ma jistghu qatt jaghmlu stat.

Hija dejjem forniet prodott ta' kwalità u skond standards internazzjonalment approvati u ghalhekk it-talba attrici fil-konfront taghha ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat illi b'digriet tat-18 ta' Mejju 2001 din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lill-Avukat Dottor Vincent Galea u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera assenti PPG Industries Italia S.r.l.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera assenti PPG Industries Italia s.r.l. li permezz tagħha eċċepew illi:

Huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fuq talba tal-Avukat Dottor Anthony Cremona bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera PPG Industries Italia s.r.l. din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2001, awtorizzat lill-Avukat Cremona jassumi l-atti fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjetà msemmija, ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi deputati u awtorizzat lill-Avukat Cremona sabiex jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Anthony Cremona bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera PPG Industries Italia s.r.l. li permezz tagħha eċċepixxa illi:

*In limite litis* dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni ta dina l-kawza fil-konfront tal-eccipjent nomine billi l-kawza ma tinkwadrax ruhha taht ebda wiehed mis-subincizi tal-artiklu 742 tal-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ukoll in linea preliminari, ma hemmx u qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejn l-attur u l-eccipjent *nomine*, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant l-istess eccipjent *nomine* mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Sussidjarjament l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artiklu 2153 jew l-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Sussidjarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici ghall-hlas tad-danni hija irritwali u guridikament insostenibbli in kwantu mhuwiex kompetenti lill-attur li jgib azzjoni ghal hlas ta' danni fil-materja ta' bejgh ta' oggetti billi tali azzjoni tista' tingieb biss fl-azzjoni redibitorja, jekk jigi pruvat li fil-mument tal-bejgh il-bejjiegh kien jaf bl-ezistenza tad-difetti, jew fil-kaz fejn jigi allegat li l-oggetti mibjugha ma jkunux tal-kwalità pattwita.

Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent nomine mhuwiex responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tal-attur u t-talbiet attrici ghalhekk ghandhom jigu respinti stante li, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, mhuwiex minnu li hemm id-difetti allegati, liema danni *in ogni caso*, ghandhom jigu ppruvati mill-attur.

Ukoll fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur ghandu jipprova illi l-prodott li fuqu qed jilmenta kien manifatturat mill-eccipjent *nomine*.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-perit legali.

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali u tal-perit tekniku.

Rat ir-risposti tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni tal-attur.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2009, din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lil Dr Emanuel Sinagra, Profs. Alfred Vella u Dr Anthony Abela Medici bħala periti tekniċi addizzjonali.

Rat ir-relazzjoni tal-periti tekniċi addizzjonali.

Semgħet ir-risposti tal-periti tekniċi addizzjonali għad-domandi in eskussjoni tal-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob danni konsegwenza ta' allegat difett fiż-żebgħa li huwa xtara mingħand is-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies Limited. Din iż-żebgħa, ossia *topcoat,* intużat mill-attur, li huwa mastrudaxxa, sabiex jiżbogħ għamara li ħadem għall-klijenti tiegħu. L-attur jgħid li din iż-żebgħa bdiet taqsam madwar tmien xhur wara li nħadmet l-għamara u kawża ta' dan huwa kellu jerġa jiżbogħ mill-ġdid ammont ta' għamara difettuża. Fiċ-ċitazzjoni tiegħu l-attur jgħid illi d-difett huwa fis-sens illi l-komposizzjoni tat-*topcoat* ma kellux il-materja neċessarja sabiex il-*finish* ma jaqsamx. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-ħsara konsistenti fi qsim taż-żebgħa żviluppat fuq għamara kommissjonata minn madwar 44 klijent.

L-attur jgħid li huwa fetaħ din il-kawża abbażi tal-konklużjoni tal-esperti ex parte inkarigati minnu u ċioè 'Materials of Ireland' li fir-rapport tagħhom eżebit mill-attur jgħidu hekk:

> "*The cracking problem observed on painted wooden furniture is due to topcoat composition, and is not related to the primer.*"

Jirriżulta li l-*primer* li ntuża mill-attur huwa prodott tad-ditta *Trimite*. Dan il-*primer* bħala materja prima jiġi manifatturat mid-ditta Trimite UK iżda imbaghad jiġi mibgħut Malta u mħallat għall-konsumatur mis-soċjetà kjamata fil-kawża Trimite Malta Limited u dan bl-awtorizzazzjoni ta' Trimite UK li jirrikonoxxu lill-Trimite Malta Limited bħala l-uniku distributur tagħhom hawn Malta. It-*topcoat* in kwistjoni huwa prodott bl-isem ta' *Bilux* tad-ditta Maxmeyer li tifforma parti mis-soċjetà estera kjamata fil-kawża PPG Industries s.r.l. Il-konsenja taż-żewġ prodotti in kwistjoni nxtraw mill-attur mingħand is-soċjeta konvenuta Coleiro General Supplies.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien ilu jixtri din iż-żebgħa kemm il-*primer* kif ukoll it-*topcoat* mingħand is-soċjetà Coleiro xi erbgħa snin qabel ma nqalgħet il-kwistjoni, liema żebgħa kienet tintuża minnu fuq l-għamara li huwa kien jaħdem. F'dawn l-erbgħa snin ma jirriżultax illi l-attur irċieva lmenti mingħand il-klijenti tiegħu li ż-żebgħa kienet qiegħda taqsam. L-attur jgħid li fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din iż-żebgħa, kemm huwa u kemm l-impjegati tiegħu dejjem imxew fuq il-parir li kien itihom Mario Falzon, is-*salesman* impjegat ma' Coleiro.

L-attur jgħid illi beda jirċievi l-ilmenti li ż-żebgħa kienet qiegħda taqsam wara konsenja partikolari li kien xtara mingħand Coleiro. Meta l-attur induna bil-problema fiż-żebgħa tal-għamara u ċioè meta l-klijenti tiegħu bdew jilmentaw li din iż-żebgħa kienet qiegħda taqsam, bi ftehim mas-soċjetà konvenuta Coleiro, xi għamara ttieħdet mis-soċjetà konvenuta u rappreżentanti tal-istess konvenuta qaxxru ż-żebgħa eżistenti u reġgħu żebgħuha mill-ġdid quddiem l-attur u sa fejn jafu l-partijiet, din iż-żebgħa ma reġgħetx qasmet.

Jirriżulta mill-provi li ż-żebgħa kollha in kwistjoni li kienet fil-pussess tal-attur u li kienet għadha ma ntużatx minnu nġabret minn rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta u wara li l-attur ingħata *credit note* fl-ammont ta' kemm kienet tiswa din iż-żebgħa rritornata, din iż-żebgħa nbiegħet lill-terzi. Jirriżulta li l-attur rritorna kemm il-*primer* tad-ditta Trimite kif ukoll it-*topcoat* tal-Mexmeyer.

Minħabba li l-attur ma kienx għad kellu aktar miż-żebgħa nnifisha fil-pussess tiegħu, ebda perit tekniku ma seta' jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq il-komposizzjoni taż-żebgħa qabel ma ġiet applikata fuq l-għamara, iżda l-attur ippreżenta bħala prova biċċiet tal-injam li l-perit tekniku u l-periti tekniċi addizzjonali setgħu jeżaminaw sabiex fuqhom ibbażaw il-konklużjonijiet tagħhom.

L-attur jispjega li l-ewwel sett ta' kamra tas-sodda u kċina difettużi ġew irranġati mis-soċjetà konvenuta, billi kif diġà ngħad ġiet applikata ż-żebgħa mill-ġdid. Skont l-attur, iż-żebgħa li ntużat fuq l-għamara li ġiet imqaxxra u miżbugħa mill-ġdid kienet żebgħa differenti.

L-attur ressaq erba' xhieda li fl-affidavits tagħhom jikkonfermaw li huma wkoll kien ġralhom l-istess b'konsenja żebgħa mixtrija mingħand is-soċjetà konvenuta, iżda li huma qatt ma ħadu passi legali kontra s-soċjetà konvenuta.

Xehdu wkoll numru ta' impjegati passati tal-attur. Emanuel Scerri li kien jaħdem bħala *sprayer* tal-għamara mal-attur jgħid li ċertu Mario, *salesman* mas-soċjetà konvenuta kien jgħidilhom kif għandhom iħalltu din iż-żebgħa. Paul Scerri li kien ukoll jaħdem bħala *sprayer* mal-attur jgħid illi l-problemi biż-żebgħa fuq l-għamara, u ċioè li din kienet taqsam, waqfet meta is-*salesman* Mario għaddielu kimika li tissejjaħ *plasticiser* sabiex tiżdied mat-taħlita taż-żebgħa biex iż-żebgħa ssir aktar flessibli. Huwa jsemmi wkoll li intużat xi kimika bħala *hardener*. Leonard Scerri, impjegat ieħor tal-attur jgħid illi meta ħadu l-kċina fil-maħżen ta' Coleiro sabiex tiġi miżbugħa mill-ġdid, impjegat tas-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies kien qallu li kienu rċevew diversi lmenti oħra mingħand terzi dwar din iż-żebgħa. Iżda s-soċjetà konvenuta tiċħad illi qatt rċiviet ilmenti simili dwar din iż-żebgħa.

Is-soċjeta konvenuta tiċħad ukoll illi hija aċċettat il-prodotti lura u offriet illi tiżbogħ mill-ġdid żewġ settijiet tal-għamara għall-attur għaliex kienet konsapevoli li l-prodotti forniti minnha kienu difettuża. Rappreżentanti tal-konvenuta jgħidu illi għamlu hekk bħala forma ta' *goodwill* għaliex l-attur kien klijent tajjeb.

Kenneth Coleiro għan-nom tas-soċjetà konvenuta jgħid li kien huwa stess illi ħa ħsieb jispjega lill-impjegat partikolari tal-attur kif għandu jiġi applikat l-*ispray* għaliex kien sab illi l-metodu li kien qiegħed juża ma kienx jipproduċi riżultat tajjeb. Huwa jgħid li dan l-impjegat kien infurmah illi kellu pressjoni mill-attur sabiex ilesti x-xogħol fl-inqas żmien possibli u għalhekk ma setax jistenna l-ħin rakkomandat minn Coleiro bejn passata żebgħa u oħra. Coleiro jgħid illi sab nuqqasijiet oħra fil-proċess ta' kif kienet tinżebagħ l-għamara mill-impjegati tal-attur. Iżda impjegati tal-attur ċaħdu li huma qatt raw lil xi rappreżentant tas-soċjetà konvenuta ħlief lis-*salesman* Mario Falzon fil-fabbrika tal-attur.

Rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta jsemmu wkoll impjegat partikolari tal-attur li huma jgħidu li beda jaħdem mal-attur bħala *sprayer* propju meta bdew jinqalgħu l-problemi fiż-żebgħa applikata fuq l-għamara in kwistjoni. Skont huma, dan il-fatt huwa indikattiv illi d-diffett fl-għamara kien minħabba nuqqasijiet fl-applikazzjoni taż-żebgħa minn dan l-impjegat fost difetti oħra fl-applikazzjoni taż-żebgħa u l-ambjent fejn kien qiegħed isir ix-xogħol ta' *spray* fil-fabbrika tal-attur.

Mill-provi prodotti rriżulta wkoll illi t-*topcoat* tal-fabbrikant Mexmeyer huwa propjament intiż sabiex jintuża fuq vetturi u għaldaqstant l-attur, anke permezz tad-domandi in eskussjoni li għamel lill-perit tekniku, qajjem dubji dwar jekk it-*topcoat* in kwistjoni kienx adattat sabiex jintuża fuq materjal tal-injam.

Paul Coleiro rappreżentant tas-soċjetà konvenuta fix-xhieda tiegħu jgħid illi l-klijent li jitlob li jara t-*technical data sheets* li joħroġ il-fabbrikant dwar prodott partikolari, iżda jikkonferma li s-*salesman* tagħhom jispjega lix-xerrej fuq il-prodott u kif għandu jiġi applikat. In kontro eżami Kenneth Coleiro jgħid illi l-prodotti ta' Maxmeyer jistgħu jintużaw ukoll fuq l-injam. Iżda xhud ieħor, Louis Coleiro, jikkonferma li prodotti tal-Maxmeyer huma propjament irriklamati sabiex jintużaw fuq il-vetturi. L-istess Louis Coleiro għan-nom tal-kjamata fil-kawża Trimite Malta Limited, jikkonferma li l-prodotti tad-ditta Trimite li rritorna l-attur inbiegħu lill-terzi u ma jirriżultax illi kien hemm xi lmenti li dawn kienu difettużi. Ma jidhirx li huwa kkontestat

bejn il-partijiet illi ż-żebgħa tad-ditta Mexmeyer li ġiet irritornata mill-attur ukoll inbiegħet lill-terzi.

Is-soċjetà konvenuta kif ukoll is-soċjetajiet kjamati fil-kawża jiċħdu li ż-żebgħa in kwistjoni hija difettuża jew li din iż-żebgħa kienet qiegħda taqsam minħabba l-fatt li m'hijiex addattata sabiex tintuża fuq l-għamara, iżda huma jsostnu li dak li ġara kien riżultat ta' applikazzjoni ħażina tal-impjegati tal-attur.

Giet preżentata kopja ta' ittra mibgħuta minn rappreżentant tas-soċjetà estera kjamata fil-kawża PPG Industries s.r.l., datata 13 ta' Diċembru 2004 u indirizzata fil-fabbrika tal-attur li tgħid illi l-prodotti tagħha *Bilux* ma kinux disinjati sabiex jintużaw fuq il-materjal *medium density fibreboard*, li huwa wieħed mit-tipi ta' injam li l-attur uża sabiex jaħdem l-għamara in kwistjoni, u li m'għandhomx jintużaw fuq dan it-tip ta' materjal. B'risposta għal din l-ittra, is-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies Limited preżentat kopja ta' ittra oħra maħruġa mill-istess rappreżentant tas-soċjetà kjamata fil-kawża, din id-darba datata 4 ta' Frar 2005, li tgħid illi l-prodott tagħha *Bilux* jista' tintuża b'suċċess fuq materjal ieħor bħal ma huwa l-injam, basta jintuża skont it-*technical data sheets* maħruġa mill-fabbrikant.

Iżda però, għalkemm jirriżulta li mal-prodotti mertu tal-kawża l-fabbrikant joħroġ dawn it-*technical data sheets* sabiex jigwida lill-konsumatur dwar l-użu tal-prodott, ma jirriżultax li teżisti *technical data sheet* dwar l-użu tal-prodott in kwistjoni fuq l-injam (vide risposta tal-perit tekniku għad-domanda in eskussjoni numru erbgħa tal-attur).

Il-Qorti tirrileva li miċ-ċitazzjoni m'huwiex daqstant ċar fuq liema bażi legali l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu. Bla dubju, ir-relazzjoni bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies hija waħda ta' bejjiegħ u xerrej in kwantu li l-attur qiegħed ifittex lis-soċjeta konvenuta għad-danni wara bejgħ ta' konsenja ta' żebgħa li huwa jgħid illi kienet difettuża.

Fir-rigward tan-natura tal-azzjoni odjerna, ċertament ma jirriżultax illi hija waħda mibnija fuq il-garanziji li jagħti l-bejjiegħ kontra d-difett mistur (*actio redhibitoria* jew *actio*

*aestimatoria*). B'żieda ma' dan, artikolu 1429 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi fir-rigward ta' azzjoni bbażata fuq difett mistur, ix-xerrej jista' jitlob danni biss jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa. Ma jirriżultax illi l-attur qiegħed jallega li s-soċjetà konvenuta kienet jaf b'xi difett fiż-żebgħa in kwistjoni u wisq inqas ma ġie hekk pruvat.

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet, Morina Aquasports Limited vs Eastern Star Limited, deċiża fil-31 ta' Mejju 2012:

> "*Illi fil-qasam tal-azzjonijiet kuntrattwali, mbagħad, jeżistu tliet għamliet ta' azzjoni miftuħa lix-xerrej: (a) l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt mill-parti l-oħra (l-azzjoni tal-annulament); (b) l-azzjoni tar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew żball fuq is-sustanza jew il-kwalitajiet essenzjali tal-ħaġa jew (ċ) l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 1390, fejn il-ħaġa ma tkunx tal-kwalita' miftehma. Fil-każ ta' kull waħda mill-aħħar żewġ għamliet ta' azzjoni, jekk jintlaqgħu, l-effett ikun li kollox jerġa lura għall-istat li kien qabel il-bejgħ*."

Mill-qari tat-talbiet tal-attur ma jirriżultax illi din l-azzjoni hija għall-annulament jew rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

Għaldqastant l-Qorti hija tal-fehma illi l-azzjoni attriċi tista' tkun jew waħda *ex contractu* skont il-prinċipji ġenerali tal-kuntratti jew azzjoni taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Iżda l-ewwel azzjoni, u ċioè dik ex contractu, hija estranea għal liġi speċjali tal-bejgħ u azzjonijiet ad hoc permissibbli taħt dan l-istitut (G.T. Shirts Company Limited et vs Godwin Navarro, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Ottubru 2014).

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Ivan Zammit et vs J.J. Scerri Co Limited, deċiża fis-27 ta' Ottubru 2011, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

> "*Illi għalhekk jirriżulta li l-azzjoni attriċi kif inhi mposta bħala azzjoni merament ta' danni ma għandha ebda bażi*

*ġuridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistgħux jintlaqgħu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgħ, fejn l-uniċi azzjonijiet li huma disponibbli għall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-paċifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oġġett mhux tal-kwalità pattwita abbażi tal-artikolu 1390 tal-Kap 16.*

*Illi dan ġie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Nadia Cassar et vs Charles Pace noe**" (K. (JDC) 13 ta' Marzu 1995), fejn ingħad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodiċi Ċivili taħt it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan abbażi tal-insenjament magħmul fis-sentenza "**Scicluna vs Scerri**" (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn ingħad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli speċjali li għandhom għalhekk jipprevalu għad-disposizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-liġi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'għandhomx jiġu mogħtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-liġi."*

*Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony McKay vs Alfred Cassar**" (K. (JF) 10 ta' Diċembru 1992), fejn ġie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390, u dan ġie kkonfermat fis-sentenza "**JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited**" (P.A. (RCP) 28 ta' Ġunju 2001).*

*Illi fil-fatt fl-istess sentenza ġew affermati is-segwenti prinċipji u ċjoè li minn dak fuq premess jirriżulta li per analogia u applikati l-prinċipji fuq esposti jirriżulta li:*

*(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-uniċi permessibbli lix-xerrej;*

*(b) it-talbiet tax-xerrej huma limitati għal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan għalhekk li f'kawża tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-każ*

*ċitazzjoni) odjerna u abbażi tal-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab 'sine qua' non li:*

*(i) l-oġġett mhux tal-kwalità pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*

*(ii) talba għall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifużjoni ta' parti tal-prezz li tirriżulta li hija in eċċess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tingħata il-ħaġa lura u jintradd il-prezz, jew abbażi tal-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew jirċievi l-ħaġa bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

*Illi minn eżami tal-avviż tat-talba attriċi jirriżulta li din l-azzjoni saret biss abbażi ta' danni ex contractu skond il-prinċipji ġenerali tal-kuntratti u għalhekk għal kollox differenti u estraneja għal-liġi speċjali u azzjonijiet ad hoc permessibbli taħt il-kunċett ġuridiku ta' bejgħ jew tpartit skond kif ġie ritenut ukoll fis-sentenza "**Portelli vs Grima**" (A.C. 27 ta' Novembru 1957 – XLI.i.341)."*

F'dan is-sens ukoll wieħed isib is-sentenzi fl-ismijiet Joseph Aquilina noe vs Globe Electronics Ltd deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Ottubru 2007, u Anthony Baldacchino vs George Mifsud et, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-24 ta' Jannar 2007. F'din l-aħħar kawża intqal b'mod ċar li '*trattandosi dejjem ta' allegat difett fil-ħaġa, ix-xerrej ma jistax jiskoġita rimedji oħra li l-liġi ma tipprovdilux f'materja ta' inadempiment kontrattwali ta' bejgħ.*' Bl-istess mod ippronunzjat ruħha il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet L'Onda Ltd vs Ocean Way Co Ltd, deċiża fis-27 ta' Frar 2009 u Ray Pace et vs SN Properties Ltd, ukoll deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Diċembru 2014.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet G.T. Shirts Company Limited et vs Godwin Navarro imsemmija, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk , '*Il-punt tat-tluq tal-azzjoni kien il-bejgħ magħmul mill-konvenut lill-atturi u għalhekk il-vinkolu ġuridiku hu dak ta' bejjiegħ kumpratur bir-regoli speċifiċi u esklussivi tal-istitut tal-bejgħ. Ir-rimedju mitlub mill-atturi mingħajr ma jiġi allaċjat ma' dak id-dispost tal-liġi li jirreferi għall-obbligi tal-*

*venditur hu għalhekk ġuridikament mankanti. Il-prinċipji ġenerali tal-kuntratti huma subordinati għal dawk speċjali li jirrigwardaw kuntratti speċifiċi msemmija fil-liġi. Hu biss fin-nuqqas ta' dawn il-liġijiet speċifiċi u speċjali li wieħed jista' jirrikorri għal prinċipji ġenerali waħedhom.'* Isegwi għalhekk illi azzjoni għad-danni abbażi tal-prinċipji ġenerali tal-kuntratti ma tistax treġi f'każ bħal ma għandha quddiemha din il-Qorti llum.

Finalment kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Vitafoam Limited vs Kosmipharma Imports Limited, deċiza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Ġunju 2003:

> "*Issa huwa stabbilit sewwa li meta l-ħaġa mibjugħa ma tkunx dik tal-kwalità miftehma, wieħed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju, imma ta' każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt li m'għandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji. Iż-żewġ azzjonijiet ma joqogħudux fl-imkien, u dan sewwasew minħabba l-kawżali inerenti għal kull waħda minnhom, u kif ukoll għar-rimedji partikolari mogħtija lix-xerrej taħt kull waħda*."

Għalhekk jibqa' biss li jiġi kkunsidrat jekk l-azzjoni tistax titmexxa taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili msemmi li jgħid hekk:

> "*Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*"

Il-Qorti kkunsidrat li l-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna hija fis-sens illi ż-żamma waħedha min-naħa tax-xerrej tal-ħaġa mixtrija m'hijiex ta' xkiel għas-suċċess tal-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex il-każijiet ivarjaw u huma dipendenti fuq iċ-ċirkostanzi ta' kif svolġew il-fatti (ara f'dan is-sens Morina Aquasports Limited vs Eastern Star Limited imsemmija u Pawla sive Pauline Debono vs Burmarrad Commercials Limited C-13537, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2010).

F'dan il-każ jirriżulta li l-attur beda jilmenta mas-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies malli l-klijenti tiegħu bdew jilmentaw miegħu li ż-żebgħa fuq l-għamara tagħhom bdiet taqsam u b'żieda ma dan, iż-żebgħa kollha li ma ntużatx inġabret minn rappreżentanti ta' Coleiro bil-kunsens tal-attur u fil-fatt ingħata *credit note* għall-prezz taż-żebgħa ritornata. In vista ta' dan, il-Qorti hija sodisfatta li l-attur irrifjuta ż-żebgħa in kwistjoni kif irid l-artikolu 1390 imsemmi u għaldaqstant l-azzjoni tiegħu tista' tiġi kkunsidrata taħt dan l-artikolu tal-liġi.

Is-soċjetà kjamata fil-kawża Trimite Malta Limited eċċepiet preliminarjament li m'hijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi in kwantu li hija m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur peress illi filwaqt illi hija setgħet forniet xi merkanzija lis-soċjeta Coleiro General Supplies, qatt ma forniet merkanzija lill-attur.

Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni, il-perit legali jikkonkludi fir-relazzjoni tiegħu li din għandha tiġi miċħuda in kwantu li jirriżulta li l-attur għandu relazzjoni ġuridika mas-soċjetà kjamata fil-kawża msemmija għaliex huwa għandu azzjoni akwiljana kontra l-kjamata fil-kawża naxxenti mill-fatt danuż li huwa qiegħed jilmenta minnu u ċioè l-allegat difett fiż-żebgħa in kwistjoni. Iżda bir-rispett dovut, din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni tal-perit legali in vista tal-fatt illi jirriżulta li din l-azzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tista' titressaq biss mix-xerrej kontra l-bejjiegħ. In kwantu li Trimite Malta Limited qatt ma biegħet prodotti direttament lill-attur, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi fil-konfront tas-soċjetà kjamata fil-kawża għaliex kif diġà ngħad, din l-azzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala azzjoni ta' danni abbażi tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-liġi ċivili, u dan in vista tal-ġurisprudenza kwotata fir-rigward tal-azzjonijiet disponibbli lix-xerrej kontra l-bejjiegħ tal-oġġett li dwaru jkun qed jilmenta.

Għaldaqstant il-Qorti ssib illi s-soċjetà kjamata fil-kawża Trimite Malta Limited għandha raġun fl-eċċezzjoni tagħha li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur.

Imbaghad l-Avukat Dottor Anthony Cremona bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera kjamata fil-kawża PPG Industries

Italia s.r.l. eċċepixxa in linea preliminari, fost eċċezzjonijiet preliminari oħra, li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tiehu konjizzjoni ta' din il-kawża fil-konfront tal-eċċepjent nomine in kwantu li ma tinkwadrax ruħha taħt ebda wieħed mis-subinċiżi tal-artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-perit legali kkonkluda li s-soċjetà kjamata fil-kawża PPG Industries Italia s.r.l. għandha raġun f'din l-eċċezzjoni in kwantu li huwa veru li din is-soċjetà ma tistax tiġi soġġetta għal ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna abbażi tal-artikolu 742 tal-Kap 12, iżda jrid jiġi kkunsidrat ukoll illi l-perit legali ħejja r-relazzjoni tiegħu abbażi tal-liġijiet ta' Malta biss, peress li r-relazzjoni tlestiet qabel ma Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea u għalhekk qabel ma saru applikabbli r-regolamenti tal-Unjoni fosthom ir-Regolament 44/2001 EC tat-22 ta' Diċembru 2000.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jgħid illi llum il-ġurnata l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni hija regolata wkoll skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea 44/2001 EC tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar Ġurisdizzjoni u Rikonoxximent u Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2002 u li seta' jiġi applikat f'pajjiżna b'effett mill-1 ta' Mejju 2004 u ċioè minn meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea. Iżda jirriżulta li artikolu 66 ta' dan ir-Regolament imbaghad jipprovdi hekk: '*Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal proċedimenti legali istitwiti u għal dokumenti formalment imħejjija jew irreġistrati bħala strumenti awtentiċi wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.'* Għaldaqstant, u in kwantu li jirriżulta li dawn il-proċeduri nbdew fis-sena 1997 u s-soċjeta estera PPG Industries Italia s.r.l. ġiet imsejħa fil-kawża fit-13 ta' Frar 2001, ma jirriżultax li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża fil-konfront tas-soċjetà msemmija abbażi ta' dan ir-Regolament li ma japplikax fil-każ tal-lum.

Fi kwalunkwe każ, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà estera kjamata fil-kawża korrettement tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet Dottor Ann Fenech noe vs Dottor Louis Cassar Pullicino noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju 2010 fejn ingħad proprju li:

*"Kif gie ritenut f'diversi gudikati precedenti, ir-regola hi li l-punt relevanti sabiex tigi stabbilita l-gurisdizzjoni huwa dak tal-prezentata tac-citazzjoni (Montanaro Gauci v. Bickford tat-2 ta' Gunju 1969)."*

Għalhekk, il-Qorti ssib din l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà kjamata fil-kawża PPG Industries Italia s.r.l. ukoll għandha tintlaqa'.

Għaldaqstant, ma hemmx lok li jiġu nvestigati l-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet kjamati fil-kawża.

Dwar kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Marzu 2004 fejn ingħad:

*"Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et]."* Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fit-30 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet Geswalda Caruana vs Francis Xerri.

Huwa minnu li skont l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti m'hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-

rapport tal-perit u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha.

> "*Dan però ma tistax tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami*" (Philip Grima vs Carmelo Mamo *et nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1998).

Ġie wkoll sewwa ritenut illi:

> "*f'ċirkostanzi bħal dawn ikun pružuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati*" (Benjamin Camilleri *nomine* vs Charles Debattista *nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001).

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Philip Grima vs Carmelo Mamo et, fuq citata irriteniet ukoll illi:

> "*Il-konklużjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu prova. Opinjoni li għandha valur probatorju daqs kull prova oħra u li tibqa' tipprevali sakemm ma tiġix kontrastata jew bi provi oħra li jikkontraduċuwha jew altrimenti b'sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizżawha bħala waħda mhux attendibbli u kredibbli.*"

Jirriżulta li l-pern tal-vertenza odjerna huwa ta' natura essenzjalment teknika. Għaldaqstant, hija m'hijiex f'pożizzjoni tisostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak ta' tekniku sakemm ma jiġux indikati oġezzjonijiet gravi u serji u ta' ċertu piż (Marion Bonnett vs Mary Lewis, Appell Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1994). Din il-Qorti, priva minn tagħlim tekniku sabiex

tapprezza l-provi u osservazzjonijiet illi tressqu mill-partijiet ma tistax tagħtihom apprezzament divers għal dak mogħti mill-periti tekniċi inkarigati minnha.

Ukoll kif qalet ukoll din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Petroil Engineering Services Limited vs Oil and Construction International Limited et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2007:

> "*L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiż sabiex l-Qorti tkun tista tistabilixxi fatti rilevanti għall-mertu ta' kawża illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu taħriġ jew tagħlim speċjali jew speċjalizzat appuntu sabiex jiġu determinati.*"

F'dan il-każ jirriżulta li hemm żewġ periżji tekniċi li huma pjuttost kontrastanti. Il-liġi tipprovdi għan-nomina ta' periti addizzjonali sabiex ikun hemm mezz ta' verifika tal-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Camilleri vs Debattista, deċiża fid-9 ta' Frar 2001 u Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2005).

L-ewwel perit tekniku esprima l-opinjoni li għalkemm ma setax jivverifika l-proprjetajiet speċifiki taz-żebgħa użata, peress li kif diġa ngħad din iż-żebgħa nġabret kollha mingħand l-attur mir-rappreżentanti ta' Coleiro General Supplies, u għalhekk ma setax jiġi eskluż xi varjazzjoni fil-komposizzjoni taż-żebgħa li kienet il-kawża tal-qsim meta din iż-żebgħa ġiet applikata fuq l-għamara in kwistjoni, huwa sab illi dan kien '*very unlikely*'.

Is-soċjetà konvenuta tgħid illi ż-żebgħa in kwistjoni qasmet minħabba nuqqas serju fil-mod li ġiet applikata fuq l-għamara, senjatament li jirriżulta li ż-żebgħa kienet ħoxna wisq, kif ukoll minhabba nuqqasjijiet fil-proċess ta' *spraying* tal-għamara li rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta jgħidu li setgħu jikkonstataw meta nżamm aċċess fil-fabbrika tal-attur. Jidher li l-ewwel perit tekniku wasal għal konklużjoni simili in kwantu li huwa kkonkluda li:

> "*The usual way at St Joseph Woodworks for paint application, mainly based on experience and practical*

*workability, and without consulting data sheets, without performing proper control measurements, without measuring process control parameters and without registration of any condition or time, making it nearly impossible to trace a possible essential error in one of the related parameters. However, it is very likely that the cracking of the paint system is caused by non permitted values of one or more of these parameters (temperature and humidity during storage, application and drying, spraying equipment, film thickness, drying times), in spite of the long period of production without significant problems. The most probable cause of the cracking is due to the way work was done in the workshop."*

Il-perit tekniku kkonkluda wkoll illi raġuni oħra għalfejn setgħet qasmet iż-żebgħa in kwistjoni kienet minħabba l-ħxuna taż-żebgħa applikata kif ukoll minħabba l-umdità tal-ambjent fejn kienet qiegħed tiġi applikata ż-żebgħa fil-fabbrika tal-attur.

Imbaghad il-perit tekniku fit-tweġibiet tiegħu għad-domandi in eskussjoni tal-attur jikkonferma li meta prodott huwa intiż sabiex jintuża fuq metall, mhux bil-fors li jista' jintuża b'suċċess fuq materjal ieħor bħal ma huwa injam, iżda li f'dan il-każ, minkejja li t-*technical data sheets* tal-fabbrikant Maxmeyer indirettament jirrakkomanda li li t-*topcoat* tagħhom bl-isem *Bilux* jintuża fuq il-metal, minn imkien ma jirriżulta li ġie eskluż li dan il-prodott jista jintuża b'suċċess fuq materjali oħra bħal ma kien qiegħed jintuża mill-attur. Il-perit tekniku fit-tweġibiet tiegħu jikkonferma wkoll illi meta jintuża *primer* ta' ditta taħt *topcoat* ta' ditta oħra jista' jirriżulta li dawn ikunu inkompatibbli ma' xulxin. Minkejja li fit-tweġibiet tiegħu l-perit tekniku jikkonferma li bħala regola ġenerali żebgħa li hija intiża sabiex tintuża fuq vetturi m'hijiex adegwata biex tintuża fuq injam minħabba li l-injam bħala materjal jespandi u jikkontratta aktar mill-metal, huwa jgħid li dan ma jfissirx illi f'sitwazzjonijiet speċifiċi ż-żebgħa hekk intiża għal fuq il-metal ma tistax tintuża b'suċċess fuq l-injam. Il-perit tekniku jikkonferma wkoll illi ma rriżultalux li l-*primer* u t-*topcoat* ta' ditti differenti li ntużaw mill-attur kienu inkompatibbli.

Il-periti addizzjonali imbaghad jikkonkludu li meta *base coat* (*primer*) li m'huwiex *primer* kompatibbli ma' żebgħa tal-*hardener,* jiġi miżbugħ b'żebgħa tal-*hardener* dan ikun suġġett għall-*cracking* taż-żebgħa. Huma kkumentaw ukoll dwar kif kemm il-fabbrikant Trimite u kemm PPG Industries fit-*technical data sheets* tagħhom jispeċifikaw illi ż-żebgħa tagħhom għandha tintuża ma' prodotti oħra tagħhom waqt li fil-każ odjern mhux hekk ġara, u b'żieda ma' dan, jirriżulta mid-*data sheets* li t-*topcoat* ta' Mex Meyer/PPG Industries m'huwiex iddisinjat sabiex jintuża fuq l-injam. Huma jgħidu wkoll li l-*primer* tat-Trimite huwa *acrylate based* waqt li fid-*data sheet* tal-*Bilux* hemm indikat li dan m'għandux jintuża ma' *acrylate primers*. Semmew ukoll illi huwa minnu li nstab illi x-xogħol tal-attur kellu ħxuna ta' *primer* u *topcoat* li ma kinux fil-limiti normalment aċċettati skont id-*data sheet* iżda jgħidu wkoll li ma rriżultalhomx li l-attur ingħata *data sheets* fuqhiex jimxi.

Dwar iż-żebgħa nnifisha, il-periti addizzjonali fir-rapport tagħhom jgħidu li ma ġiet ippreżentata ebda evidenza xjentifika li tindika li l-kwalità taż-żebgħa hija difettuża. Huma jgħidu ukoll illi ma jistgħux jaslu għal konklużjoni oħra għaliex ma kellhomx kampjuni taż-żebgħa peress li din kienet inġabret mis-soċjeta konvenuta qabel ma nbdew il-proċeduri. Finalment huma jikkonkludu li:

> *"...l-użu ta' dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti wieħed fuq l-ieħor hija kawża plawsibbli li setgħet wasslet għall-ħsarat li żviluppaw fuq l-għamara sprejjata mill-attur. Min ta parir li wieħed jista' jħallat l-użu ta' dawn il-prodotti flimkien sata' kien żbaljat u fil-fatt ma ġietx murija evidenza li turi li tali prattika kienet tassigura prodott finali tajjeb u stabbli.*
>
> *Fl-aħħarnett, l-esponent jaffermaw illi l-fatt illi l-kumpanija konvenuta Coleiro General Supplies Ltd qatt ma tat Technical Data Sheets lill-attur sabiex jiggwidawh fix-xogħol tiegħu kien fattur sinifikanti li sata' kkontribwixxa sabiex seħħet il-problema fil-każ odjern. Inoltre, il-fatt illi l-kumpanija konvenuta ġabret dik li kien fadal miż-żebgħa li kien uża l-attur biex b'hekk neħħiet kull possibilita` li din iż-żebgħa tiġi ttestjata għal dawk il-parametri kollha neċċessarji wassal sabiex il-kawża jew kawżi li minħabba*

*fihom seħħet il-problema jibqgħu ma jistgħux jiġu vverifikati b'mod konklużiv."*

Meta xehed in eskussjoni, Dr. Abela Medici, wieħed mill-periti tekniċi addizzjonali, jikkonferma li fl-opinjoni tal-periti addizzjonali, '*l-iżjed raġuni possibbli*' għalfejn bdiet taqsam iż-żebgħa minn fuq l-għamara in kwistjoni kienet il-fatt li ntuża *topcoat* intiż sabiex jiġu *sprayed* vetturi u mhux injam, u għaldaqstant dan it-*topcoat* ikun *hardener based* u allura jinxef aktar malajr mill-*primer* u dan jikkawża l-qsim fiż-żebgħa finali. Huma jerġgħu jikkonfermaw li skont huma l-kawża prinċipali kienet l-imkompatibbilità tal-*primer* mat-*topcoat*. Iżda aktar tard waqt l-eskussjoni tiegħu Dr. Abela Medici jerġa juża l-kelma 'plawsibbli'. Il-periti tekniċi addizzjonali jikkonfermaw però illi prova konklussiva ta' kompattibilità jew inkompattibiltà taż-żewġ prodotti jiġifieri l-*primer* u l-*topcoat* huma ma sabux. Mit-tweġibiet għad-domandi in eskussjoni tqajmu dubji dwar jekk it-*topcoat* in kwistjoni huwiex *hardener based.* Fi kwalunkwe każ, il-periti addizzjonali jżommu ferm mal-opinjoni tagħhom li d-difetti li ħarġu fiż-żebgħa setgħu ġew ikkawżati mill-fatt illi it-*topcoat* ta' Maxmeyer m'huwiex adattat sabiex jintuża mal-*primer* tad-ditta Trimite u lanqas sabiex jintuża fuq materjal tal-injam.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-periti tekniċi addizzjonali kemm fir-rapport tagħhom kif ukoll huma u jwieġbu d-domandi in eskussjoni tal-partijiet jenfasiżżaw l-użu taż-żebgħa in kwistjoni fuq *medium density fibreboard*, jirriżulta li fil-fatt l-attur fix-xhieda tiegħu quddiem il-perit legali kkonferma li ż-żebgħa kienet taqsam fuq diversi tipi ta' injam u mhux biss fuq *medium density fibreboard*.

Ma jirriżultax illi ebda perit tekniku wasal għall-istess konklużjoni tal-esperti ex parte inkarigati mill-attur u ċioè li ż-żebgħa bdiet taqsam minħabba l-komposizzjoni tat-*topcoat*, jiġifieri li kien hemm xi difett fil-prodott kif jgħid l-attur fiċ-ċitazzjoni tiegħu.

Tenut kont tal-fuq espost, il-Qorti tibda billi tirrileva li meta ħejja r-relazzjoni tiegħu l-perit legali kellu biss għad-

disposizzjoni tiegħu l-ewwel rapport tekniku u ċioè dak imħejji min Dr B.P. Alblas.

Il-perit legali jgħid illi l-azzjoni tal-attur kontra s-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies toħroġ mill-kuntratt ta' bejgħ u garanzija kontra d-difetti moħbija li jassumi l-venditur tal-prodotti li l-attur jgħid li huma difettużi, iżda l-Qorti ma taqbilx mal-perit legali dwar dan. Minn imkien ma jirriżulta li l-attur qiegħed jiddikjara li l-prodotti in kwistjoni kienu afflitti minn difetti moħbija u b'żieda ma' dan ma jirriżultax li l-attur qiegħed jitlob ir-rimedji li tipprovdi l-liġi fir-rigward ta' azzjoni taħt il-garanziji għad-difetti moħbija iżda qiegħed jitlob biss danni.

B'żieda ma dan, fir-rigward tal-*actio redhibitoria* u l-*actio aestimatoria*, artikolu 1429 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi x-xerrej jista' jitlob danni biss jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa. Ma jirriżultax illi s-soċjetà attriċi qiegħda tallega li l-konvenut kien jaf b'xi difett fiż-żebgħa in kwistjoni u wisq inqas ma ġie hekk pruvat.

Rinfaċċjata b'konklużjoniijiet ta' natura pjuttost teknika din il-Qorti taqbel mal-perit legali li f'dan il-każ għandha tistrieh fuq il-konklużjonijiet tal-periti tekniċi, iżda dan limitatament għal dawk il-konklużjonijiet li huma strettament ta' natura teknika. Il-perit legali jgħid illi l-konklużjonijiet tal-(ewwel) perit tekniku jitfgħu ħtija mhux fuq il-prodott innifsu iżda fuq l-mod kif l-attur u l-impjegati tiegħu kienu japplikaw il-prodott fuq l-għamara. Anke fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-periti addizzjonali, ċertament illi tibqa' valida l-konklużjoni tal-perit legali li ma nġiebet ebda prova mill-attur fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilità li turi li l-prodotti fihom innifishom huma difettużi u li kienu l-kawża tal-ħsara li sofra l-attur. Infatti, il-periti tekniċi addizzjonali fil-konklużjonijiet tagħhom jgħidu wkoll li ma setgħux jistabbilixxu li ż-żebgħa nnifisha hija difettuża.

Bħal perit legali, il-Qort kkunsidrat ukoll illi mill-provi rriżulta li rappreżentanti tas-soċjetajiet konvenuti stqarru li huma qatt ma rċevew ilmenti relatati mal-kompożizzjoni tal-prodotti tagħhom fis-sens illi dawn kienu difettużi, jew tal-inqas, meta

daħlu dawn l-ilmenti dejjem irriżulta li d-difett kien riżultat ta' applikazzjoni ħażina tal-prodott.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll ix-xhieda mressqa mill-attur li qalu li huma wkoll kienu sabu difetti fil-prodotti in kwistjoni mixtrija mingħand is-soċjeta konvenuta. Iżda bħall-perit legali l-Qorti fl-ewwel lok issib illi din ix-xhieda hija vaga wisq fis-sens illi ma nġiebet ebda prova speċifika li torbot din il-konsenja partikolari ta' żebgħa mal-ħsara msemmija minn dawn ix-xhieda u fi kwalunkwe każ, ma jirriżultax illi ebda perit tekniku sab xi difett f'dawn il-prodotti.

B'żieda ma dan, l-attur naqas milli jressaq bħala xhud lis-*salesman* Mario Falzon li jissemma diversi drabi mix-xhieda mressqa minnu u kif osserva l-perit legali, minkejja li sar kontro eżami twil ta' Kenneth Coleiro, ma saret ebda riferenza għal dak li jgħidu x-xhieda mressqa mill-attur u ċioè li Coleiro kienu jafu li ż-żebgħa in kwistjoni kienet difettuża għaliex kienu rċevew ilmenti oħra dwarha.

Il-Qorti f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal konklużjonijiet tal-perit legali, fejn huwa qal hekk:

> *"Saru provi mill-attur illi fil-fatt is-salesman Mario kien ikun preżenti għat-taħlit taż-żebgħa u kultant anke għall-applikazzjoni u kien jgħid lill-impjegati partikolarment lill-head sprayer li kienu qed jagħmlu kollox sew. L-esponenti jisottometti illi din ix-xhieda tendenti biex tipprova nuqqas tas-soċjetà Coleiro fil-mod kif kellha tiġi applikata ż-żebgħa mhux fl-ewwel lok ġustifikata mill-mod kif impostata l-kawża u fit-tieni lok ma ssibx ġustifikazzjoni primarja fil-konklużjonijiet tekniċi. Anke kieku stess l-impjegati tas-soċjetà Coleiro taw parir jew urew li jaqblu ma kif kien jipproċedi l-attur, l-attur ma nkarigax lis-soċjetà Coleiro biex tissorvelja x-xogħol. Hu xtara l-prodott biex japplikah f'parametri li tagħtih id-data information sheet. Is-soċjetà Coleiro qatt ma assumiet obbligu li tissorvelja xogħolijiet hi."*

Minkejja li kif diġà ntqal il-perit legali ħejja r-relazzjoni tiegħu abbażi tal-provi li tressqu quddiemu u l-konklużjonijiet tal-

ewwel perit tekniku, il-Qorti hija tal-fehma li din il-konklużjoni tal-perit legali hija ferm rilevanti fid-dawl tal-fatt illi wara l-ewwel rapport tekniku, jidher li l-attur ipprova jibdel il-binarju tal-azzjoni tiegħu in vista tat-tweġibiet li ta l-ewwel perit tekniku għad-domandi in eskussjoni tal-attur u fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-periti teknikiċi addizzjonali.

Dan qiegħed jingħad għaliex fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu d-difensur tal-attur iddeċieda li jimbarka fuq binarju legali oħra billi jgħid li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq danni riżultanti minn bejgħ ta' oġġetti li ma kienux skont il-kwalità pattwita għaliex ma kienux idoneji għall-iskop li għalih kienu nxtraw. Iżda jirriżulta li din hija kawżali kompletament differenti minn dik premessa fiċ-ċitazzjoni tal-attur in kwantu li fl-istess ċitazzjoni l-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu speċifikament fuq il-premessa illi t-*topcoat* in kwistjoni huwa difettuż. Minn imkien ma jirriżulta li fiċ-ċitazzjoni tiegħu l-attur ippremetta li l-prodott ma kienx idoneju għall-iskop li għalih inxtara.

L-attur imposta l-kawża tiegħu abbażi ta' difetti fil-kwalità tal-prodott u ċioè li l-prodott kellu kompożizzjoni ħażina, speċifikament li ma kellux il-materja neċessarja sabiex ma jaqsamx, u mhux li huwa ġie żgwidat fuq l-użu tiegħu jew l-applikazjoni tiegħu. Fil-fatt, huwa jikkonferma li fetaħ din il-kawża abbażi tar-rapport *ex parte* li sar mill-esperti inkarigati minnu.

Lanqas fl-istadju tal-provi tiegħu l-attur qatt ma qajjem il-kwistjoni li huwa seta' ġie żgwidat mis-soċjetà konvenuta dwar jekk il-prodotti mixtrija minnu setgħux jintużaw fuq l-injam, minkejja li l-attur u s-socjetà konvenuta ma qablux dwar jekk rappreżentanti tal-konvenuta kinux jispjegaw lill-impjegati tal-attur kif għandha tiġi applikata ż-żebgħa fuq l-għamara.

Fin-nota tiegħu l-attur ikompli jsostni li l-'kwalità pattwita' li fuqha qiegħed jibbaża din l-azzjoni skont l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili kienet li huwa ġie mwiegħed prodott li jintuża fuq l-injam iżda huwa ċar li dan huwa każ fejn l-attur qiegħed jittenta jibdel il-fondament tal-kawza. Huwa jsemmi wkoll illi ma setax ikun jaf kemm għandha tkun il-ħxuna taż-żebgħa fuq l-injam proprju għaliex iż-żebgħa in kwistjoni m'hijiex adatta

biex tintuża fuq l-injam imma dawn huma kollha argumenti ġodda li saru biss mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

It-talba tal-attur hija espressament motivata fuq ir-raġuni u ċioe l-kawżali kif dedotta fiċ-ċitazzjoni tiegħu. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Spiru Falzon vs Joseph Scerri, deċia fid-29 ta' April 1960:

> *"Issa t-termini tad-domanda hekk formulata ma jistgħux jiġu mibdula. Ankorke` kien jirriżulta, kif donnu jirriżulta mill-atti, illi l-ħitan in kwistjoni jinsabu mibnija fuq art komuni, u suppost li dan kien ifisser illi dawk il-ħitan huma komuni, il-Qorti ma tistax, fuq iċ-ċitazzjoni kif proposta, tieħu konjizzjoni ta' dak il-fatt u tiġbed konsegwenzi minnu. It-talba mhix bażata fuq il-fatt (suppost li hu fatt) tal-"komunjoni eżistenti" tal-ħitan, iżda għall-kuntrarju, fuq il-presuppost li s'issa din il-komunjoni għad ma teżistix u għad trid tiġi akkwistata. Din hi, mela, il-bażi unika li fuqa t-talba f'din il-kawża tista' tiġi kunsidrata."*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Carmelo Cassar vs Victor Zammit, deċiża fit-23 ta' Ġunju 2004:

> *"Hu maghruf, u anke accetat, in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (Kollez. Vol XLII pI p86). Hi wkoll regola procedurali, sostenuta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni (Kollez. Vol. XXXIV pI p85). Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex, kif ritenut, "mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni" (**Kollez. Vol. XLVIII pII p777**)."*

Hekk ukoll fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Mario Spiteri pro et noe vs Joseph V Farrugia et noe, deċiża fit-28 ta’ Frar 2003 ingħad hekk:

*"It-tentattiv ta' l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu (fol. 136) illi d-danni jezistu ghax issa rrizulta li l-lifts kien fihom nuqqasijiet u kienu funzjonalment deficjenti ma tistax titiehed bis-serjetà dovuta;*

*Huwa sintomatiku minn dak li jinghad f'din in-Nota illi l-attur biddel sostanzjalment il-posizzjoni tieghu dwar id-danni. Dan ma huwiex accettabbli gjaladarba d-danni reklamati f'din l-azzjoni ghandhom rapport mal-fatt tad-dewmien u mhux mal-kwalita` operattiva tal-lifts infushom. L-inadempjenza allegata ghandha ness mar-ritard fl-ezekuzzjoni tax-xoghol. Dan kif premess u arginat fic-citazzjoni;*

*F'kwistjonijiet konsimili huwa difficli li wiehed japplika t-teorija ta' l-arbitriju u l-Qorti jkollha tiddeciedi "iuxta allegata et probata" fuq il-kwistjoni nsorta."*

Din il-kawżali ġdida li jibbaża n-nota tiegħu fuqha l-attur ma tinsabx dedotta fiċ-ċitazzjoni odjerna u billi l-kawżali ma tistax la tinbidel u lanqas tiżdied, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha (Carmelo Scicluna noe vs Avukat Dr. Edward Fenech Adami, deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta’ Marzu 1959).

Hekk ukoll, kif kellha okkazjoni tafferma din il-Qorti stess fis-sentenza tagħha tat-13 ta’ Mejju, 2015, fl-ismijiet Evgueni Polouektov vs HSBC Bank Malta plc:

*"Huwa ben stabbilit inoltre illi l-Qorti hija kostretta fil-konsiderazzjoni taghha tal-vertenza bil-kawzali u t-talbiet kif dedotti fl-att promotur tal-proceduri."*

Il-Qorti taqbel mal-konvenuti meta fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom jgħidu li l-attur ma jistax l-ewwel jippremetti li l-prodott huwa difettuż imbaghad meta jinduna li m’huwiex

difettuż xejn, jgħid minflok illi kien hemm problemi ta' inkompattibilità.

Fin-nota tiegħu l-attur jgħid illi probabbilment iż-żebgħa nnifisha kienet tajba, imma li fil-mori tal-proċeduri huwa ntebaħ li ż-żebgħa ma kinitx tajba ghal fuq l-injam. Iżda apparti li hawnhekk kif diġa ngħad jidher li l-attur qiegħed idaħħal kawżali li ma jirriżultawx miċ-ċitazzjoni tiegħu, għaliex din il-kawża m'hijiex msejsa fuq il-kawżali li s-soċjetà konvenuta tramite r-rappreżentanti tagħha żgwidat lill-attur dwar il-prodotti tagħha in kwantu li l-attur jitlaq mill-premessa li l-prodott innifsu huwa difettuż, minn imkien ma jirriżulta li kienet is-soċjetà konvenuta li oriġinarjament assiguratu li ż-żebgħa in kwistjoni tista' tintuża fuq l-injam.

Minn imkien ma jirriżulta kif jgħid l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li:

> "*Il-patt vinkolanti kien li l-konvenuti Coleiro kellhom ibiegħu, inter alia, żebgħa tal-kwalità li tiġi applikata fuq l-injam*."

Mill-provi ma jirriżultax jekk kienx l-attur li għażel din iż-żebgħa jew kienx juża xi żebgħa differenti qabel u kinux rappreżentanti ta' Coleiro li ssuġġerew li jibda juża din iż-żebgħa fuq l-injam. L-attur fin-nota tiegħu jinsisti li dan m'huwiex każ ta' difett fiż-żebgħa iżda li r-rapprezentanti ta' Coleiro kkonvinċewh li l-prodott tagħhom kien tajjeb sabiex jintuża fuq l-injam, iżda minn imkien ma jirriżulta dan kollu. Fi kwalunkwe każ, kif tajjeb irrileva l-perit legali, l-attur huwa mastrudaxxa b'24 sena esperjenza. Il-fatt illi seta' ngħata pariri dwar l-użu ma jfissirx li b'daqsekk kull nuqqas jista' jiġi attribwit lis-soċjeta Coleiro li biegħet il-prodott.

Għaldaqstant, din il-Qorti tista' tieqaf hawn u tikkonkludi sempliċiment illi l-attur ma rnexxilux jipprova li ż-żebgħa in kwistjoni hija difettuża, iżda fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur lanqas ma rnexxilu jipprova li ż-żebgħa in kwistjoni bdiet taqsam għaliex ma kinitx adattata sabiex tintuża fuq l-injam.

L-attur ma ressaq ebda prova li tikkonvinċi lil din il-Qorti mqar fuq bażi ta’ proabbilità li ż-żebgħa ma kinitx adattata għall-użu fuq l-injam. Għalkemm lanqas ma ġie provat li kien hemm xi nuqqas fl-applikazzjoni taż-żebgħa da parti ta’ xi impjegat partikolari, jew nuqqas fl-ambjenti tal-fabbrika li wassal għal dawn id-difetti, ma jfissirx awtomatikament illi r-raġuni għalfejn l-attur ġralu li ġralu kienet illi ż-żebgħa in kwistjoni ma kienitx tajba sabiex tintuża fuq l-injam. Il-periti perizjuri fil-fatt użaw il-kelma ‘plawsibbli’ fil-konlużjoni tagħhom. Iżda bir-rispett dovut m’huwiex biżżejjed li wieħed jgħid li huwa plawsibbli li dak li seħħ, ġara minħabba li ntużat żebgħa li jista’ jkun ma kienitx tajba sabiex tintuża fuq l-injam. Dan m’huwiex biżżejjed sabiex jintħalaq il-grad rikjest mill-liġi ċivili u ċioè dak ta’ probabbilità.

Din il-Qorti taqbel mal-konvenuti Coleiro General Supplies Limited u Trimite Malta Limited meta fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom jissottolineaw li l-periti addizzjonali sabu li l-użu taż-żewġ tipi ta’ prodotti in kwistjoni jiġifieri l-*primer* tad-ditta Trimite u t-*topcoat* tad-ditta Mexmeyer fuq xulxin hija biss kawża plawsibbli għal dak li seta’ ġara, iżda dan il-livell ta’ prova huwa inqas mill-livell rikjest ta’ probabbilità u għaldaqstant m’hijiex biżżejjed għall-konvinzjoni morali ta’din il-Qorti. Fil-fatt, il-periti addizzjonali jgħidu li ma setgħux jistabbilixxu la l-imkompattibilità tal-*primer* u t-*topcoat* kif intużati f’daqqa u lanqas l-inkompattibilità tat-*topcoat* mal-injam.

B’żieda ma dan, jirriżulta li l-attur kien ilu snin juża l-prodotti in kwistjoni mingħajr ebda problemi u ma tressqet ebda prova sodisfaċenti li tispjega kif din iż-żebgħa, li skont l-attur taqsam meta tiġi applikata fuq l-injam għaliex m’hijiex tajba sabiex tintuża fuq dan il-materjal, bdiet taqsam wara li l-attur kien ilu juża l-prodott fuq l-injam għall-erba’ snin sħaħ. Jekk huwa minnu veru li r-raġuni wara d-difetti fiż-żebgħa fuq l-għamara in kwistjoni kien riżultat tal-fatt illi ż-żebgħa ma kellhiex tintuża fuq l-injam, kif anke jgħidu li seta’ kien il-każ il-periti perizijuri, ma ġiex spjegat kif din il-problema ma nqalgħetx mill-ewwel.

L-attur donnu qiegħed jippretendi wkoll illi għaliex ebda perit tekniku ma seta’ jikkonkludi fiċ-ċert illi ż-żebgħa nnifisha kienet

ta' kwalità tajba u adattata sabiex tintuża fuq l-injam b'riżultat tajjeb, dan għandu jsarraf f'vantaġġ għalih.  Iżda kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avv. Louis Bianchi noe vs George Spiteri, deċiża fl-14 ta' Lulju 2004:

> *"Ragonevolment l-"actori incumbit probatio" tapplika fiz-zewg kazijiet u timponi b'oneru li l-attur jimpenja ruhu li jgib il-provi biex jissostanzja l-bazi tal-allegazzjonijiet u tat-talbiet tieghu u mhux jistenna li din issir bl-inizzjattiva tal-gudikant. L-istess kwalifika tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "oneru" jaghti wiehed x'jifhem illi l-inadempiment tal-prova titraduci ruhha fi zvantagg ghall-parti li fuqha din l-istess prova hi gravata. Ir-raguni ghal din is-sitwazzjoni hi r-rizultat tal-osservazzjoni ovvja li d-dizimpenn tal-piz tal-prova halla l-fatt allegat fi stat ta' incertezza. Li jfisser allura, b'konsegwenza, illi l-gudizzju tal-Qorti ma jistax hlief jikkonsidra inezistenti l-fatt li baqa' incert in kwantu mhux provat."*

F'dan il-każ, jirriżulta li l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-liġi li ż-żebgħa nnifisha kienet difettuża.  Iżda wkoll, minkejja li jipprova jibdel il-kawżali li fuqhom ibbaża l-azzjoni tiegħu, l-attur xorta waħda ma rnexxielux jikkonvinċi lil din il-Qorti li ż-żebgħa in kwistjoni bdiet taqsam għaliex ma kinitx tajba sabiex tintuża fuq l-injam.  Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi t-talbiet attriċi m'għandhomx jintalqgħu.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà kjamat fil-kawża Trimite Malta Limited, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà kjamata fil-kawża PPG Industries s.r.l u tillibera t-tnejn li huma mill-osservanza tal-gudizzju; tilqa' l-eċċezzjoni fil-mertu tas-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies Limited u tiċħad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur b'dan illi l-ispejjeż tal-kjamati fil-kawża PPG Industries s.r.l. u Trimite Malta Limited ikunu a karigu tas-soċjetà konvenuta Coleiro General Supplies Limited.

IMHALLEF

DEP/REG